Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12 – Il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-11:00am.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

### 3.0 Korrispondenza u Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal kuntatt li għamillu ċertu Brian Muscat rigward jekk il-Kunsill kienx involut fil-kwistjoni ta' ftuħ ta' Triq fi Triq il-Baħħara. Il-Kunsill qabel li l-każ huwa wieħed ikkumplikat għax hemm art privata u l-Kunsill ma daħalx fil-kwistjoni.

3.2 Ġie trattat l-ilment li daħal mingħand is-Sinjura Vivienne Xuereb rigward il-fatt li minn meta saru x-xogħolijiet fl-Għajn tal-Ħasselin qed jidħol xi ilma fil-proprjeta tagħha li għandha fil-Pjazza tad-Dehra. Il-Kunsill qabel li għandu jieħdu kampjun ta' dan l-ilma u jeżaminah biex inkunu nistgħu nidentifikaw minn fejn ġejja l-problema.

3.3 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sur Joseph Axiaq rigward il-ħtieġa ta' *railing* fit-tarf tal-bankina tiegħu minħabba nuqqas ta' mobilita'. Il-Kunsill qabel li jekk ir-*railing* isir fit-tarf ikun ta' periklu għal min jipparkja u ma jkunx jista jiftaħ il-bieba. Għalhekk sar qbil li jew għandna nagħmlu *railing* ta' erba' piedi jew inkella ssir *railing* mal-ħajt ta' ġewwa ta' fuq il-bankina.

3.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Frencu Rapa għal mera fi Triq Borg Għarib. Sar qbil li peress li din hija triq arterja, t-talba għandha tgħaddi lid-Direttorat Proġetti u Żvilupp.

3.5 Is-Segretarja rreferiet għat-telefonata li l-Kunsill kellu dalgħodu mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa rigward x'funtani u għadajjar għandha l-lokalita' minħabba l-każ tan-nemusa Zika li tinsab l-aktar ħdejn l-ilma. S'issa kullma ntalab hija nformazzjoni u ma ġew imposti l-ebda struzzjonijiet.

3.6 Ġiet diskussa mill-ġdid it-talba għal mera fi Triq Fawwara. Sar qbil li għandha tiġi ffirmata *No objection* mis-sid tal-post li ħa teħel quddiemu li li jsiru xi kundizzjonijiet marbutin magħha biex tinqala' f'każ ta' bżonn.

3.7 Is-Sindku rrefera għall-iskema l-ġdida tal-ħaddiema tal-ETC li ser jiġu assenjati ma' kumpanija fuq bażi full-time bil-minimum wage u jkollhom il-leave u s-sick leave. Din ser tibda fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2016 u ser jgħaddulna aktar informazzjoni fil-jiem li ġejjin.

3.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Malta Council for Voluntary Sector rigward laqgħat li qed jagħmlu ma' għaqdiet volontarji tal-lokal. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex il-laqgħa f'Għajnsielem għandha tinżamm nhar l-14 ta' Marzu 2016.

3.9 Ġiet trattata r-risposta tas-CEO tal-MEPA rigward l-impjanti f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel referenza diretta għall-impjanti tal-kostruzzjoni bħalma huma dawk tar-Road Construction u Gatt Construction Ltd. Sar qbil li għandna nitolbuh jekk hemmx permessi oħra pendenti marbutin magħhom u x'kundizzjonijiet jinkludi l-permess tagħhom.

3.10 Ġiet trattata l-email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn talbu l-lista ta' toroq li l-Kunsill għandu pjanat li jagħmel matul dawn it-tlett snin li ġejjin. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel parti minn Triq Ħamri, Triq Għajnsielem u parti minn Triq iż-Żewwieqa. Il-Kunsill qed jalloka s-somma ta' €50,000 għal kull triq u ser jagħmilhom f'din l-ordni matul is-snin. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat jinforma lill-entitajiet kollha li b'xi mod jista' jkollhom xi servizz għaddej sabiex jekk għandhom xi xogħol pjanat isir qabel ma jinbeda x-xogħol tar-*resurfacing*. Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera' għal xi problemi li kien hemm fil-parti ta' wara l-lukanda fi Triq Ħamri u b'hekk kienet baqgħet ma saritx kollha. Il-Kunsill qabel li għandu jindaga biex jara eżatt x'kienu l-problemi u kif jistgħu jiġu solvuti.

3.11 Ġiet trattata t-talba li saret mill-iskrivana tal-Kunsill Sarah Formosa sabiex titħallas ta' mitt siegħa li għamlet *overtime* flok teħodhom *time-off*. Il-Kunsill qabel li għandu jħallasha tagħhom.

3.12 Ġiet trattata l-email mingħand is-Sur Clive Scicluna fejn talab sabiex jorganizza attivita' ta' monti xi darba l-Ħadd filgħodu. Il-Kunsill qabel li għandu ssir laqgħa mas-Sur Scicluna biex naraw eżatt x'inhu l-kunċett. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandu jamalgamaha ma' attivita' oħra u xejn xejn tkun isservi ta' esperiment għall-attivita' tal-monti li l-Kunsill għaddej bil-ħidma tiegħu dwarha.

3.13 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Inspire rigward il-possibilita' li terġa titellgħa l-attivita' tan-Nutella fest. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandha titellgħa għall-Mejju.

3.14 Ġiet trattata korrispondenza mingħand il-Gozo Horse Racing Association fejn talbu lill-Kunsill jikkollabora f'tiġrijiet li ser jinvolvu l-lokalitajiet kollha ta' Għawdex. Huwa talbu s-somma ta' €350. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jipparteċipa.

3.15 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-*lifts* tal-Kunsill huma *lifts* pubblici u huma mportanti li jsirilhom *service* kull tant żmien. Sar qbil li għandna niffirmaw l-*agreement* mas-*supplier.*

**4.0 Wara l-Karnival f'Għajnsielem**

4.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' tal-Karnival u għal fatt li minkejja li kienet l-ewwel attivita' fix-xorta tagħha f'Għajnsielem u minkejja l-kesħa, kien hawn konkorrenza kbira ħafna u l-attivita' ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku. Għall-attivita' tal-band u DJ ma kienx hemm konkorrenza. Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa kemm ġiet tiswa l-attivita' bejn wieħed u ieħor. Is-segretarja wieġbet li l-attivita' ser tiswa ta' €3000 iżda sar ġbir ta' madwar €1000 bħala *sponsors* għall-attivita'.

4.2 Sar qbil li għas-sena li jmiss din l-attivita' tkun tinkludi wkoll lill-banda.

4.3 Sar qbil ukoll li sena oħra għandna napplikaw għall-fondi għal din l-attivita' tal-Karnival taħt l-iskema ta' attivitajiet kulturali.

4.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li nistgħu wkoll norganizzaw ballu.

4.5 Is-Sindku ssugerixxa wkoll li fis-sajf għandna norganizzaw kors ta' kif wieħed jagħmel karru tal-karnival.

**5.0 Ħatra ta' ambaxxatur taż-żgħażagħ**

5.1 Saret referenza għall-applikazzjoni li l-Kunsill ħareġ għall-ħatra ta' ambaxxatur taż-żgħażagħ. Għal din is-sejħa ntefgħet applikazzjoni waħda biss, dik mingħand Giuseppi Attard, żagħżugħ ta' sbatax-il sena. Il-Kunsill aċċetta' l-applikazzjoni tiegħu u ħatru bħala ambaxxatur taż-żagħżagħ ta' Għajnsielem.

**6.0 Quarterly Report**

6.1 Is-Segretarja preżentat il-Quarterly Report għat-terminu bejn Ottubru u Diċembru 2015. Il-Kunsill kien kuntent bil-kontenut tax-xogħol u għall-fatt li minkejja li saru ħafna xogħolijiet kien għad fadal bilanċ. Bħala dħul il-Kunsill għad fadallu jdaħħal mal-€100,000 mill-UIF Funds tal-proġett tal-Belveder u l-Kunsill ser joħroġ minn ġewwa madwar €53,000 għall-proġett tal-Pjazza tad-Dehra.

6.2 Is-Segretarja rreferiet wkoll għal kont bankarju li huwa fixed għal xahar u hija tat il-parir li norbtuh għal sena biex nigwadanjaw xi ħaġa tal-imgħax tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**7.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

7.1 Is-Segretrja preżentat l-Financial Statements għas-sena finanzjarja li tagħlaq f'Diċembru 2015. Il-Kunsill għalaq is-sena finanzjarja tiegħu b'bilanċ ta' €69,142 li jfisser żieda ta' €38,381 fuq is-sena ta' qabel. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li għandhom jiġu approvati.

**8.0 Estimi Finanzjarji għas-sena 2016 u Proġetti Kapitali**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2016. Sar qbil li mill-bilanċ li jibqa għall-proġetti kapitali għandu jdaħħal it-Turf tal-Pjazza tad-Dehra għall-ammont ta' €10,490.97, resurfacing ta' Ħamri Street għall-ammont ta' €50,000, embellishment ta' Triq il-Ġnien għall-ammont ta' €5,000, decking tal-bajja taż-Żewwieqa u railing fil-bajja ta' Ġiardun għall-ammont ta' €4,000, entrance għall-futbol grawnd għall-prezz ta' €5,000 u proġett tat-taraġ għal Pjazza 10 ta' Diċembru għall-ammont ta' €50,000.

8.2 Sar qbil li għandhom jitkomplew il-ħitan tax-Xatt l-Aħmar u l-Perit ser japplika għal permess ta' tiswija ta' dangerous structure ħdejn l-għerien.

8.3 Rigward il-proġett tat-taraġ tal-Pjazza 10 ta' Diċembru, il-Kunsill qabel li għandu jqabbad l-istess perit li ħareġ b'din il-proposta fl-istudju preparat fil-proġett Green Infranet.

8.4 Rigward il-progett tal-entrance tal-Football ground, il-Viċi Sindku propona li jekk l-ammont li għandna pjanat għal-gate ma jkoprix l-ispiża, l-Kunsill jista jikkonsidra li jħallas għal-materjal biss.

**9.0 Laqgħa tal-lokalita'**

9.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Lokalita' għandha tinżamm nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fis-6:00 ta' filgħaxija.

**10.0 Attivita' tal-Ġimgħa l-Kbira**

10.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' li ser ittellgħa l-Għaqda Drammatika fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Imqaddsa u għat-talba tagħhom sabiex il-Kunsill jgħin billi jipprintja l-Via Sagra . Il-Kunsill qabel li għandu jiġbor l-istimi u jipprintjahom għal qies ta' A1 jew A2. Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jgħin f'din l-attivita' billi jordna d-dawl.

**11.0 Mappa għal-lokalita' t'Għajnsielem**

11.1 Is-Sindku Franco Ciangura propona li għandna nagħmlu speċi ta' leaflet informattiv dwar Għajnislem u li jkun jinkludi mappa dettaljata tal-lokalita'.

**12.0 Transnational Youth Initiative**

12.1 Is-Sindku rrefera għall-proposta tal-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett tal-Unjoni Ewropea dak tat-Transnational Youth Initiative li tgħaqqad gruppi ta' żagħżagħ ewropej flimkien biex imexxu proġett bħalma huwa dak ta' intervisti u *videos* lil xi residenti rigward suġġett partikolari. L-informazzjoni miġbura tista tiżvolġi fi ktejjeb informattiv fuq Għajnsielem. Il-proġett jista jdum sa massimu ta' sentejn u l-closing date tiegħu hija fis-26 t'April 2016.

12.2 Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dan il-proġett u li b'effett immedjat għandu joħroġ sejħa għal dawk iż-żagħżagħ interessati biex jingħataw bidu għall-preparamenti ta' din l-applikazzjoni li trid issir miż-żagħżagħ stess.

**13.0 Wires tad-Dawl mal-Faċċata tal-Każin**

13.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li l-Banda San Ġużepp ser tagħlaq il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħha u konnessi ma' dan l-anniversarju ser isiru diversi xogħolijiet u proġetti fosthom ir-restawr tal-faċċata tal-Każin li ser jiswa madwar €20,000. Il-Viċi Sindku rrefera ghal fatt li hemm ħafna wires tad-dawl għaddejjin minn fuq arblu għal mal-Każin u biex jitneħħa dan l-arblu l-unika soluzzjoni hija li ssir kaxxa preferibilment ħdejn it-taraġ.

13.2 Il-Kunsill iddiskuta diversi soluzzjonijiet iżda finalment sar qbil li għandha ssir laqgħa mal-Enġiniera tal-Enemalta biex noħorġu bl-aħjar soluzzjoni bl-inqas spejjes.

**14.0 Part-time Project Manager**

14.1 Is-Sindku rrefera għad-diversi xogħolijiet tal-ħaddiema tal-Kunsill u dwar kuntratti oħra li jkun xieraq li fuqhom ikun hemm project manager. Huwa rrefera għall-amministrazzjonijiet preċedenti u li ġieli kien hemm nies li jservu ta' project manager. Huwa semma' li hemm il-ħtiega li jkun hemm persuna li sservi bħala foreman fuq il-ħaddiema tal-Kunsill, li tkun tista' tagħmel follow-up tax-xogħolijiet u workplans, u xi ħadd li jkun jaf jagħmel xogħol ta' handyman. L-għan ta' dan il-post huwa li l-Kunsill jiffranka l-flus minn nuqqas ta' kontroll li xi kultant jeżisti.

14.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li sabiex bniedem ikun hands-on fuq ix-xogħolijiet mhux neċessarjament ikun jifhem u tekniku f'kollox. Huwa saħaq li mportanti li jekk il-Kunsill ikun ser joħroġ sejħa ta' dan it-tip ma tkunx limitata u li teskludi lil ċertu nies li kapaċi jagħmlu dan ix-xogħol. Huwa rrefera wkoll li rridu noqqħodu attenti għax ma tagħmilx sens li tpoġġi persuna part-time u tkun taqla d-doppju ta' ħaddiema li għandna preżenti

14.3 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandna nistennew kif ser taħdem is-sitema tal-ħaddiema tal-ETC u jekk hux ser ikollhom foreman fuqhom u mbagħad niddiskutu minn hemm.

**15.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

15.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni u ġew approvati.

**16.0 Materji oħra**

16.1 Sar qbil li għandha nibgħatu reminder lid-Direttur Mark Formosa rigward it-tiswija ta' Triq Ġiardun billi jimlew il-ħofor li hemm.

16.2 Sar qbil ukoll li għandha tintbgħat ittra lid-Direttur Esther Bajada rigward għajnuna għall-manutenzjoni tal-bajjiet. Il-kunsilliera Karen Xuereb issuggeriet li ninkludu wkoll iż-Żewwieqa fit-talba tagħna u peress li hija bajja frekwentata ħafna jixirqilha li jkollha apparat ta' xi *life saving* bhalma huma *life saving ring.*

16.3 Sar qbil li għandna nqabbdu lill-Perit Shawn Micallef biex jipprovdilna pjanta ta' *decking* għaż-Żewwieqa u wkoll għall-immarkar tas-Swimming Zone tax-Xatt l-Aħmar.

16.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg fakkar sabiex il-passaġġ tal-ħadid li hemm fix-Xatt l-Aħmar inziduh.

16.5 Il-kunsill iddiskuta l-problema tat-traffiku ħdejn il-kantuniera magħrufa bħala Ta' Mawru. Sar qbil li għandna nitolbu lil Transport Malta tiggwidana kif nistgħu nagħmlu management aħjar tat-traffiku f'dan il-post.

16.6 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa jekk teżistix xi skema li l-Kunsill jagħti bowser ilma b'xejn lill-bdiewa għax avviċinawh xi uħud. Ġie kkonfermat li mhawn l-ebda skema ta' dan it-tip iżda li l-ilma tax-xmara ta' Bethlehem jista' jintuża għal bdiewa. Il-kunsillier Peter Caruana hawnhekk ġibed l-attenzjoni li huwa mportanti li titbattal ix-xmara minħabba periklu. Sar qbil li għandha titbattal u li l-ilma jintuża għat-tisqija. Sar qbil li huwa mportanti li l-plastik jiġi salvat.

16.7 Is-Sindku rrefera għal proposta ta' attivita' medjevali preferabilment għal bidu ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima għal din l-attivita'.

16.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal ħajt ta' Triq ta' Lourdes u li l-aħjar soluzzjoni tkun li tinqala' ċ-ċinta, titpoġġa filata u terġa titpoġġa ċ-ċinta.

16.9 Is-Sindku rrefera għal ħtieġa urġenti sabiex titwaħħal mera fi Triq il-Ħamri faċċata tan-niżla wara l-lukanda.

16.10 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal ħtieġa ta' twaħħil ta' railings mar-residenza tal-kantuniera ta' Simirat Street ma Triq Guzeppi Cali minħabba nuqqas ta' mobilita' tar-residenta.

16.11 Ġiet trattata t-talba mingħand Richard Attard għal mera fi Triq Cordina 'il fuq miċ-Ċimiterju. Il-Kunsill qabel li hemm il-periklu u li għandha teħel.

16.12 Ġiet trattata t-talba ta' Vivienne Xuereb biex tinżabar siġra tal-yucca fi Triq il-Ġnien.

16.13 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għat-talba li ressaq Joe Zammit ta' Triq iż-Żewwieqa biex issir applikazzjoni għall-*reserved parking bay* quddiem ir-residenza tiegħu. Sar qbil li jekk għandu l-*blue sticker* tista ssir din l-applikazzjoni.

Il-laqgħa ntemmet fit:3:30 ta' wara nofsinhar u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fit-3:00 ta' wara nofshinhar.

**Franco Ciangura**

**Sindku**

**Lucienne Haber**

**Segretarju Ezekuttiv**